jiġri, iżda malajr inqabad mill-pulizija u, għalkemm dak il-ħin xorob il-velenu, dan ma għamillu ebda ħsara għax inzerta qadim.

Princip u Grabez, li kienu ftit fil-bogħod, kif semgħu t-tfaqqigħa telqu mnejn kienu għax ħasbu li l-qtil kien sar. L-Arċiduka ħelisha u baqa' ħaj, imma l-qatgħa ħassha sewwa għax wiċċu sfar u kien jidher bla saħħa. Meta, imbagħad, daħal fis-sala tal-belt, ħafna minn dawk li kienu miegħu wessewh biex jibqa' sejjer lejn il-palazz tal-Gvernatur; imma l-Arċiduka ma riedx jisma', ried tabilfors ikompli ż-żjara li kellu jagħmel, mhux biss, imma lanqas ma ried jistenna sa kemm jiġu s-suldati u jitferrxu mat-triq li kellu jagħmel. Ara kemm hu hekk, wara ftit, ordna biex il-karozzi jerġgħu lura mill-istess triq u jeħduh l-isptar biex jara lil dawk li kienu korrew bil-bomba.

Meta Ferdinandu u Sofija rikbu l-karozza ma wrewx li kienu beżgħanin; mhux biss, imma Sofija anqas ma riedet toqgħod wara xi ħadd biex, jekk issir xi sparatura, ma tintlaqatx, għalkemm il-konti Harrack qagħad ħdejha biex ikunilha ta' kenn.

Imma, issa Grabez u Princip reġgħu ħadu posthom fit-triq, l-ewwel wieħed ħdejn il-palazz tal-Gvernatur u l-ieħor fil-kantuniera tat-Triq "Franz Joseph" mnejn kellu jgħaddi l-Arċiduka. Kif Princip lemaħ il-karozzi ġejjin għan-naħa tiegħu, qabad malajr ir-'revolver' li kellu fil-but tal-ġlekk, lest biex jispara x'ħin Ferdinandu jasal quddiemu. Kif is-sewwieq tal-karozza beda jikser il-kantuniera, intebaħ li sbalja t-triq; għalhekk waqqaf il-karozza sewsew quddiem Princip u beda jarġa' lura biex jiġbed għan-naħa ta' l-isptar kif kien ordna Ferdinandu. Imma dak il-ħin sewwa, Princip resaq kemm seta' lejn il-karozza u, mill-bogħod biss ta' erba' passi, ħareġ mill-but ir-'revolver', ħa l-mira u spara. L-ewwel balla għaddiet sewsew mill-ħofra ta' griżmejn l-Arċiduka u l-oħra nifdet, min-naħa għall-oħra, l-istonku tad-Dukessa.

Ma' l-isparatura xi nies u l-pulizija qabżu fuq Princip, ħadulu l-arma u bdew jagħtuh bil-ponnijiet u bil-bsaten. Kif Princip sab ruħu ftit ħieles, tefa' f'ħalqu l-kus tal-velenu u xorbu. Princip ma mietx, imma ġratlu ħsara kbira. Il-Gvernatur innifsu u Harrack, għalkemm raw lil Ferdinandu u lil Sofija jmilu rashom wieħed fuq l-oħra u jgħidu minn taħt l-ilsien xi kelma, ma ntebħux mill-ewwel bil-ħsara kbira li kienet ġratilhom. Meta għaddew il-pont huma raw id-demm ħiereġ minn ħalq Ferdinandu u baqgħu sejrin lejn il-palazz. Meta waslu hemm Sofija mietet. Lanqas laħqet għaddiet kwarta mill-mewt ta' din il-mara qalbiena, meta żewġha, l-Arċiduka Franz Ferdinandu ssieħeb għat-tieni darba għal dejjem, fil-mewt, ma' dik li kien iħobb u jgħix b'għożża kbira.

Wara dan il-qtil daqshekk ikrah, il-Gvern ta' l-Awstrja talab tpattija kbira mill-Gvern tas-Serbja u ġagħlu jfittex u jagħmel ħaqq minn dawk kollha li kienu mdaħħlin f'dan id-delitt li jkexkex. Iżda,



għalkemm Ilic u xi oħrajn ħadu l-mewt fuq il-forka fil-beraħ (2), ma laħqux għaddew il-ġranet twal meta l-Awstrja u s-Serbja daħlu fi gwerra. Ftit wara r-Russja qabżet għas-Serbia u l-Ġermanja għall-Awstrja. Wara ftit Franza daħlet tgħin lir-Russia u l-Ingilterra lil Franza. L-Amerika wkoll fl-aħħar kellha tindaħal biex tgħin lil dawk ta' l-aħħar, u hekk id-dinja sabet ruħha f'tixrid id-demm li baqa' sejjer sakemm il-Ġermanja sfat għajjiena u mħarbta għal kollox, u hekk kienet imġiegħla twaqqaf u ttemm il-ġlied fil-11 ta' Novembru ta' l-1918, il-jum li għadha ssir it-tifkira tiegħu bl-isem ta' l-"Armistizju".

(2) Princip, Cabrinovic u Grabez ħelsu l-forka għaliex kienu żgħar fiż-żmien, imma t-tlieta mietu fil-ħabs ta' l-Awstrja tul dik il-gwerra. Mehmedbasic, għaliex ma nstabx, ħeles ukoll mill-forka u miet madwar 20 sena ilu. It-tnejn l-oħra, jiġifieri Cabrinovic u Popovic, kif igħidu, għadhom ħajjin sal-lum, l-ewwel wieħed Professur ta' l-istorja fl-Università ta' Belgradu u l-ieħor, sa ftit ilu, kellu taħt idejh il-Mużew ta' Sarajevo.

## RIFLESSIONI

Ta' ĠUŻI ABELA

*Wara li qrajt xi versi.*

Ġo din l-għadira versi
Ilmaħt bħal f'mera kull ċaqliq ġo fija
Ġo dil-qalb vojta tiegħi.

U għaliex rait ix-xein li għandi ġewwa
Ħabbeit dil-poeżija,
Għax jien ħabbejt is-sewwa.

## NAWFRAĠJU

Ta' ĠUŻI ABELA

Anġlu Kustodju, ħaffef,
farfar ġwinħajk u ejja.
L-injam ta' taħti nieżel,
u l-mewġ qed jobrom lejja.
Anġlu Kustodju, ejja.

Ara dit-tavla nfaqgħet,
u isma' daż-żaqżiq
tat-tmun... iss'issa nkiser
Mel'issa tlift it-triq.
Anġlu Kustodju, ejja.

Nieżel ġol-baħar... Anġlu...
Bla saħħa. Idejja għajjiena.